**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 21 ta' Marzu, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Roderick Zahra**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Roderick Zahra detentur ta' karta tal-identita bin-numru 262484M akkuzat talli f' xi granet u fix-xhur tta' Frar u Marzu, 2018, f' dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq (ta' twieqi tal-aluminium) liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin, ghad-dannu ta' Tumas Group u/jew persuni ohra;
2. U aktar talli f'Malta, xjentament, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, (cables tar-ramm) mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan

isir f' Malta jew barra min Malta, jew, xjentament, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli bil-hsieb li jaghmel delitt (ta' serq aggravat minn gewwa l-Halland Hotel) wera dan il-hsieb, b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-21 ta' Marzu 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza li l-imputat ghandu bzonn supervizjoni u ghajnuna sabiex jeghleb il-problema ta'

abbuz mid-droga u qablu li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja sospiza b' ordni ta' supervizjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261, 267, 270, 41(a) u 334A tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba (4) snin millum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u taht id-direzzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Svetlana Bezzina.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**